**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 389/ 2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur Victor Aquilina**

**Vs**

**Spiteri Melchior**

**Illum 27 ta' Novembru, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Melchior Spiteri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 248575(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-gżejjer, fl-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin (CCF) Raħal Ġdid:

a) Forna jew ipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew lill-persuni, jew għall-persuna jew persuni, mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall- Kontroll Interna tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur

tar-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GV 292/1939, kif sussegwentment emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Melchior Spiteri u lil Dominic Bonniċi, talli f'dawn il-Gżejjer fl-(14) ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin (CCF) Raħal Ġdid:

a) Kellhom fil-pussess tagħhom id-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont iddispozzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinux bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija u meta ma kienux b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollhom id-droga msemmija fil-pussess tagħhom u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija ġiet fornuta lilhom għall-użu tagħhom skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ukoll bħala persuni detenuti ġewwa l-Faċilita' Korretttiva ta' Kordin, mingħajr l-awtorita' leġittima daħħlu jew ipprovaw f'xi parti tal-konfini tal-ħabs u cio' fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, oġetti jkunu li jkunu u speċifikament mediċina perikoluża (droga eroina), liema oġġett huwa projbit u dan biksur tal-Artikolu 6(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament magħmula taħt l-istess liġi.

Lil Melchior Spiteri waħdu akkużat ukoll talli huwa reċidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti, liema sentenzi huma definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-ko-imputat Melchior Spiteri tas-26 ta' Settembru, 2018 li wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazjoni Sussidjarja 101.02, u l-Artikoli 17 (h) u 33 A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess ko-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (b) miġjuba kontra tiegħu (ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal- addebitu tar-reċidiva u illiberatu minnha, filwaqt illi sabitu ħati tal-imputazzjoni (a) dwar traffikar ta' droga eroina u tal-imputazzjoni wkoll

immarkata (a) dwar pussess ta' droga eroina u kkundannatu għall-piena ta' tlettax il xahar priġunerija effettivi u piena ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' tħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar, b'dan illi kemm il-darba l-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Il-Qorti qegħda in oltre tikkundanna lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mall-ħatra tal-esperti fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Samut, ammontanti għas-somma ta' tnejn u sebgħin Lira Maltin u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm 72.28) ekwivalenti għas-somma ta' mija, tmienja u sittin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€168.73), l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of Crime Officer,* PS 644 Evan Camilleri, ammontati għas-somma ta' seba' Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm7.50) ekwivalenti għas-somma ta' sbatax il-ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€17.47) relatati mar-relazzjoni ta' PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti għas-somma ta' għaxar Liri Maltin ekwivalenti għas-somma ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu. Tali spejjeż li b'kollox jammontaw għas-somma ta' mitejn u disa' ewro u tlettax il-ċenteżmu (€209.13), għandhom jitħallsu in kwantu għal nofs mill-ko-imputat Melchior Spiteri u in-kwantu għan-nofs l-ieħor mill-ko-imputat Dominic Bonniċi u dan fi żmien sitt xhur.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi process verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax il-jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Melchior Spiteri, ppreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fejn sabitu ħati ta' imputazzjoni immarkata (b) miġjuba kontra tiegħu (ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 7 (i) u (2) tal-KAP 260 tal-

Liġijiet ta' Malta) u tal-addebitu tar-reċidiva, li minnhom illiberatu; filwaqt illi **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** in kwantu għall-imputazzjoni (a) dwar traffikar ta' droga eroina u tal-imputazzjoni wkoll immarkata (a) dwar pussess ta' droga eroijna u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberaħ minnhom; jew sussidjarjament, u mingħajr preġudizzju, **<u>TIRRIFORMA</u>** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timpni piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-appell minnu ntentat, marbut essenzjalment mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, l-appellant jisħaq illi ma kienx hemm biżżejjed provi sabiex hu jigi misjub ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati. Jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti għażlet illi tinjora jew ma temminx dak illi xehdu x-xhieda in difeża a differenza tax-xiehda tal-CO175 Mifsud Bonnici liema xhud ġie skreditat minn dawn ix-xhieda bħala xhud li ma tistax toqgħod fuqu. Jgħid ukoll illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova illi kien fil-fatt l-appellant li daħħal id-droga gewwa il-habs f'*sandwich* fejn hawnhekk l-appellant jagħmel referenza għall-kontenut tal-istqarrijiet tiegħu u ta' Bonnici li jikkonfermaw li hu ma kellu xejn x'jaqsam mad-droga u li kien Bonnici stess li daħħal dawn il-qratas meta Spiteri għaddielu l-ħobz. Illi ukoll in-nuqqas li jigu elevati mpronti diġitali mill-*corpus delicti* sabiex jiġu kkomparati ma' dawk tal-appellant, wassal sabiex prova li kellha tkun determinanti fiċ-ċirkostanzi tal-każ, kienet ghal kollox nieqsa. Kwindi fil-fehma tieghu dawn il-fatti probatorji kellhom iwasslu sabiex l-appellant joħroġ illiberat mill-akkuża ta' traffikar u pussess ta' droga erojina kif miġjuba fil-konfront tiegħu. Finalment u alternattivament jisħaq illi l-piena

erogata fil-konfront tieghu hija waħda eċċessiva peress li ma nħoloqx il-bilanċ meħtieġ bejn l-aspett retributtiv u dak restorattiv aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li hu ma nstabx ħati ta'l-addebitu tar-reċidiva. In oltre l-Qorti naqset milli tqis illi l-każ seħħ fis-sena 2007 u ċioe 11-il sena ilu, liema fatt kellu jimmilita favur l-appellant.

Illi sabiex tindirizza l-lanjanzi mqanqla mill-appellant il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti probatorji u dan ai fini biss sabiex tindaga jekk l-Ewwel Qorti setatx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha billi mhijiex fis-setgha taghHa issa fi stadju ta' revizjoni li taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi imressqa in prim'istanza.

Illi mill-atti jemergi illi nhar l-14 ta' Jannar 2007 gew misjuba żewġ qratas ġewwa *sandwich* li allegatment kienu jikkontjenu droga perikoluża. Dan is-*sandwich* ġie mgħoddi mill-appellant Melchior Spiteri li kien detenut ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin lil detenut ieħor Dominic Bonnici, ko-akkuzat f'dawn il-proceduri, li f'dak il-jum kien residenti ġewwa id-*Division 2* fil-Habs. Dan l-iskambju ġie osservat minn CO175 Noel Mifsud Bonnici li avviċinhom immedjatament peress illi ssuspetta li seta' kien hemm xi ħaġa għaddejja u kif infetah dan is-*sandwich* quddiem id-detenuti msemmija instabu zewg qratas ġo fih. Meta dawn ġew analiżżati mill-espert Godwin Sammut rriżulta illi go fihom kien hemm s-sustanza erojina fl-ammont globali ta' 0.113g.

Illi jibda biex jingħad illi mill-atti proċesswali jemergi illi l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrijiet kemm ta' Dominic Bonnici kif ukoll tal-appellant billi qisithom bhala prova inammissibbli stante li l-imputati ma kenux gew moghtija il-jedd ghall-assistenza legali meta rrilaxxjawha. Billi ma hemm ebda aggravju marbut ma' din id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti la mill-Avukat Generali u lanqas mill-appellannt, lanqas din il-Qorti m'hi ser tieħu qies ta' dawn l-istqarrijiet u dan irrispettivament mill-fatt illi l-appellant jirreferi għall-kontenut tagħhom fl-appell minnu ntentat. Illi maghdud ma' dan il-Qorti hija ukoll prekluza milli tiehu kont ta' dak mistqarr mill-ko-akkuzat Bonnici u dan fid-dawl tar-regola mahsuba fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, kif interpretata mill-gurisprudenza. Illi allura d-decizjoni ta'l-

Ewwel Qorti kienet imsejsa unikament fuq il-kredibbilta' tax-xhud okulari CO175 Noel Mifsud Bonnici, li fil-fehma taghha kienet ikkorroborata minn xhieda ohra, fejn fil-konsiderazzjonijiet taghha qieset id-difiza imqanqla mill-appellant, kif imfisser ukoll f'dan l-appell, fejn huwa allega li x-xhud ma kienx attendibbli u skreditat minn xhieda ohra.

Illi l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jidderigi lil kull min hu imsejjah biex jiggudika illi xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti sabiex tinstab htija. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[1], bil-qorti trid tigi ggwidata mit-*test* stabbilit fl-artikolu 637 li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'.

Ikkunsidrat:

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet jingħad illi dak li ġie allegat minn CO175 ma ġie kontradett minn ebda prova ohra għajr għad-deposizzjoni ta' certu Michael Zahra, detenut ghal habta tas-sena 2008 gewwa is-SATU, li pprova jqajjem dubbju dwar il-kredibbilta' tax-xhud. Illi dan ix-xhud jitkellem dwar kwistjoni oħra li prigunier iehor, certu David Monsigneur allegatament kellu ma' Mifsud Bonnici meta dan allega li l-gwardjan kien pogga xi siringi u *steroids* gewwa c-cella tieghu biex jintrappolah, fejn dan ta' l-aħħar u cioe' dan David Monsigneur, qatt ma ħa il-pedana tax-xhieda sabiex jikkonferma dawn l-allegazzjonijiet, u liema allegazzjonijiet ġew

[1] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

mičħuda in *toto* mill-CO175. Illi huwa indubitat illi x-xhud Zahra ma kienx xi xhud dirett involut f'din il-vicenda li ma ghandha xejn x'taqsam mal-kaz odjern. *Di piu'* dak li jixhed dwaru huwa xiehda fuq kliem haddiehor u li l-Qorti ghalhekk ma tista' taghtih ebda piz probatorju. Issa huwa minnu li jixhed dwar dawn l-allegazzjonijiet ukoll l-Maġġur Dennis Cassar illi jikkonferma li dawn verament tressqu kontra CO175 u bhala rizultat dan il-gwardjan ġie trasferit għal sezzjoni oħra gewwa l-ħabs, madanakollu dan ix-xhud f'ebda hin ma jikkonferma li dak allegat rejalment seħħ apparti għall-fatt li l-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda ma setgħu jitfgħu dawl fuq dak mistqarr minn CO175 b'rabta mal-fatti ta' dan il-każ. Illi l-Ewwel Qorti wieznet b'mod approfondit din ix-xiehda u dawn l-allegazzjonijiet, li din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fil-konsiderazzjonijiet in materja, anzi taqbel maghhom perfettament u tqies illi ma hemm ebda mottiv li jista' igieghla tiskossa dan l-apprezzament, iktar u iktar ghaliex ma hemm ebda prova la diretta u wisq anqas indizzjarja li tindika li kien il-gwardjan Mifsud Bonnici stess li pogga id-droga fis-*sandwich*, kif allegat mid-difiza.

Illi fil-fatt kien ix-xhud SCO Peter Vella li nnota l-atteġjament suspettuż bejn l-appellant u Bonnici inizzjalment u attira l-attenzjoni ta' CO175 dwar dak li kien qed jigri peress illi dan tal-aħħar kien stazzjonat fid-Division 2 fejn kien residenti Bonnici, u kwindi kien hu li kellu jindaga u jara x'kien għaddej. Filfatt CO175 Mifsud Bonnici jikkonferma li l-appellant kien għadda *sandwich* lil Bonnici u li hu avviċinhom immedjatament. Dan jirrendi inverosimili dak allegat mill-appellant li hu ma kienx konxju mill-fatt illi kien hemm id-droga fil-ħobża li hu għadda speċifikament lil Bonnici. Dan qed jingħad aktar u aktar fid-dawl ta' dak illi xehed il-SCO Vella fejn hu jispjega wkoll li mhux ħaġa regolari jew normali illi l-ħabsin mid-diviżjonijiet differenti jitħalltu jew jiltaqghu każwalment u sabiex dan isir iridu jiltaqghu għand it-tabib jew għal xi kura li tinghatalhom ġewwa l-konfini tal-ħabs. Fil-fatt l-appellant għadda dan is-*sandwich* lil Bonnici minn bejn il-kanċell tad-Diviżjoni 2 (li f'dak il-hin kienet maghluqa) u is-*Central Hall* meta skond dak li sema' CO175, l-appellant lissen il-kliem lil Bonnici biex ma jehodiex drawwa. Kwindi magħdud dan kollu din il-Qorti tikkondividi l-

konklużjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghaldaqstant l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Illi jifdal biex jigi kkunsidrat l-aħħar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi fil-fehma tal-appellant din hija waħda eċċessiva. Jirriżulta illi l-appellant gie kkundannat ghal-piena ta' tlettax il-xahar priġunerija effettivi u multa ta' €900. Illi huwa indubitat illi l-piena hija fil-parametri u tqarreb lejn il-minimu, oltre ghal fatt illi gjaladarba l-appellant gie misjub hati tar-reat ta' traffikar ta' droga gewwa il-habs, l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli tinfliggi piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija u li din ghandha tigi mizjuda bi grad jew tnejn u dan kif mahsub fl-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali. Dan ifisser illi l-piena hija wahda li taghmel gustizzja ghal kaz li kellha taht il-lenti taghha l-Ewwel Qorti u li certament ma jistax jinghad li din kienet b'xi mod eccessiva kif jallega l-appellant. Illi ghalkemm huwa minnu kif tikkontendi d-difiza illi dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2007, madanakollu l-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma tistax tinjora il-fedina penali voluminuza tal-appellant u certament refrattarja. Ghaldaqstant lanqas dan l-aggravju ma jisthoqqlu akkoljiment.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur